*- LIBELL-*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 26**
**Citazzjoni Numru: 945/97/RCP**

**L-Onor Avukat Dottor Louis Galea**

**vs**

**L-Onor Prim Ministru Dottor Alfred Sant**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi f'diskors pubbliku li ghamel il-konvenut nhar l-Erbgha 24 ta' Lulju ta' l-1996 waqt li kien qed jindirizza membri tal-Kumitati Lokali u attivisti ohra tal-Partit Laburista fic-Centru Nazzjonali Laburista, gew attribwiti fatti determinanti li huma malafamanti fil-konfront ta' l-attur li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u li huma ntizi li jwegghu, jaggravaw jew ikissru r-reputazzjoni tieghu;

Illi meta ghamel dan id-diskors pubbliku, il-konvenut kien jaf jew kien messu jaf li fic-cirkustanzi huwa seta' jistenna illi l-kontenut tad-diskors tieghu jigi rappurtat f'gazzetta jew xi mezz iehor tax-xandir;

Illi difatti l-imsemmi diskors jew parti minnu gew hekk rappurtati u pubblikati fil-gazzetti u f'mezzi ohra tax-xandir, fosthom fuq Radju Super (1) One, fil-harga tal-gazzetta *"L-Orizzont"* tal-Hamis 25 ta' Lulju 1996 permezz ta' l-artiklu "MEMBRI TA' DELEGAZZJONIJIET MINISTERJALI DAHHLU D-DROGA" u fil-harga tal-gazzetta *"The Times"* ta' l-istess jum permezz ta' l-artiklu "LABOUR LEADER MAKES NEW 'DRUGS' ALLEGATIONS";

Illi s-sustanza ta' dan id-diskors baqghet tigi ripetuta f'kampanja sistematika sahansitra sa dan l-ahhar granet;

Illi l-konvenut kien il-persuna li ghamlet id-diskors defamatorju fil-konfront ta' l-attur u b'hekk espona lilu nnifsu ghal azzjoni ta' libell *ai termini* ta' l-**artikolu 24A ta' Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi l-attur, bhala parti malafamata u danneggjata ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-**artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi l-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-diskors pubbliku surriferit huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f'ammont li ma jeccedix hamest elef lira (Lm5,000) bhala danni b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 28 ta' Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.13 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-diskors indikat mill-attur ma huwiex libelluz fil-konfront tieghu.

2. Illi subordinatament l-istess diskors jikkostitwixxi *fair comment* u jikkonsisti fl-espressjoni tal-opinjoni tal-eccepjent fuq grajjiet ta' nteress pubbliku, permissibbli f'socjeta' demokratika, u protett ukoll taht il-*Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.*

3. Illi f'kull kaz l-eccepjent kien qed jagixxi fil-funzjoni tieghu ta' Deputat tal-Poplu u Kap ta' l-Oppozizzjoni biex jaghmel dak li hu dover u dritt tieghu li jikkritika l-amministrazzjoni fuq materji ta' nteress pubbliku u ma jistax ghalhekk jigi lilu mputat li agixxa b'*animus iniuriandi.*

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut a fol. 14 *et seq. tal-process*;

Rat il-verbali tas-seduta tat-30 ta' April 1998; tal-1 ta' Frar 1999 fejn xehed l-attur; tat-22 ta' Ottubru 1999 fejn xehed in kontro-ezami l-attur; tal-15 ta' Marzu 2000; tal-10 ta' Mejju 2000 u tal-11 ta' Ottubru 2000.

Rat in-nota ta' l-attur li biha nforma lill-Qorti li minhabba l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut li bihom qieghed sempliciment jeccepixxi li l-kummenti ma kienux libelluzi u in subbordinatament li jikkostitwixxu *fair comment*, l-attur iddikkjara li ghalaq l-istadju tal-provi tieghu;

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta' Dicembru 2000 u tal-1 ta' Marzu 2001;

Rat in-nota tal-konvenut li biha esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Mejju 2001 fejn xehed Joseph Mifsud; tad-9 ta' Ottubru 2001; tas-16 ta' Jannar 2002 fejn Dr Pawlu Lia ghall-konvenut esebixxa nota b'dokumenti u obbliga ruhu li jghaddi kopja tal-istess lill-kontro-parti u ddikjara li f'dan l-istadju m'ghandux provi aktar. Dr Peter Fenech irrileva li d-dokumenti prezentati huma rrelevanti ghall-kawza odjerna pero' mhux ha jopponi ghall-prezentata tal-istess; tat-13 ta' Frar 2002; tas-7 ta' Marzu 2002 fejn il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi ma dehrux. Dr. Fenech talab li jaghmel nota. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 21 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' ossevazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 21 gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-attur u dik tal-konvenut.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. PRINCIPLJI LEGALI.

Illi l-principji applikabbli f'materja ta' libelli gew stabbiliti f'diversi sentenzi, anke dawk moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fosthom **"Marin Hili vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1767/97/RCP- P.A. 3 ta' Dicembru 1998), "**Ernest Tonna vs Felix Agius"** (Citaz. Numru 1755/97/RCP – P.A. 21 ta' April 1999) u **"Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (Citaz. Numru 1739/98/RCP - P.A. l-1 ta' Lulju 1999.)**, u "Rev. Joseph Borg vs Felix Agius"** (Citaz. Numru 1840/97/RPC - P.A. 14 ta' Ottubru 1999), u wkoll **"Adrian Gardner vs Joe Mifsud"** tas-17 ta Frar 2000 (Citaz. Numru. 34/98/RCP) fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skond il-gurisprudenza nostrali anke fid-dawl tal-Kostituzzjoni ta' Malta u liberta` ta' espressjoni u **tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319.**

Illi fost il-principji illum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* **("Vincent**

**Borg vs Victor Camilleri et."** - A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta` tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa ukoll dritt inaljenabbli, li wiehed jipprotegi l-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

Illi 'nfatti fis-sentenza **"Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja"** (P.A. N.A. 19 ta' Jannar 1996)li:-

*"Il-linja medjana fejn proprio id-dritt ta' espressjoni libera taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti"*.

Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u *"comment"* hija wahda illum stabbilita fil-giurisprudenza taghna.

*"F'materja ta' ngurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi d-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi*

*ppruvat. Il-'comment' biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru"* **("Reginald Miller vs Harold Scory"** - XXXVI.iv.843.).

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*'fair comment'*, *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* (**"Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"** Vol.XI.IV.1195; **"Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit"** JSP. Citazz. Nru. 929/90/JSP - 3 ta' Ottubru 1991).

Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence, with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them",* dan jista' jinkludi *"any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word*".**("Jones vs Skelton"** (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C.)).

Illi fil-fatt ricentement inghad ukoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba, izda mill-assjem tal-artikolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat, hemm kawza ta' libell, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux

ippruvati**. ("Onor. Seg. Parlamentari Dr. Joseph Fenech vs Evarist Bartolo nomine"** - A.C. (JSP) 8 ta' Gunju 1999).

Illi dan jista' jsir ukoll pero` permezz ta' "*innuendo"* li fil-kawza "**G. Strickland vs Goffredo Chretien"** (A.C. 12 ta' Frar 1937, XXIX.I.859) giet imfissra hekk:-

*"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba nkriminata u li hija trid li tigi milqugh mill-gudikant".*

Illi fil-kawza **"Il-Pulizija vs Joseph Olivieru Munroe"** (XXXIII.IV.824.) inghad illi:-

*"F'materja ta' ingurja permezz ta' l-istampa l-ingurja tista' tirrizulta permezz ta' 'innuendo'. L-'innuendo' jista' jkun ta' zewg xorta jigifieri:*

(a) *dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemmiet b'isimha, u*

(b) *dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata".*

Illi inoltre sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew le wiehed *"ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran. U f'din il-materja hu elementari li*

*wiehed jikkonsidra mhux dak li seta' talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra il-qarrej"* **("Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et."** - P.A. (W.H.) 28 ta' Novembru 1953).

Illi huwa sintomatiku f'dan ir-rigward li jigi innotat dak li ntqal fis-sentenza **"Anglu Fenech proprio et nomine vs Carmelo Callus"** (A.C. 4 ta' Frar 2000) fejn inghad li fid-dawl tal-**Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319,** partijiet sostanzjali tal-istess Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem saru parti mill-Ordinament Malti, b'dan li mhux biss tali artikolu saru parti mill-ligi Maltija, izda wkoll il-Qrati taghna jridu jiehdu il-konsiderazzjoni, il-gurisprudenza tal-istess Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, *stante* li llum hemm access ukoll ghall-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, u dan in omagg ukoll tal-**Artikolu 47 (7)** li stabbilixxa is-supremazija tal-Ligi Kostituzzjonali f'dawk li huma l-**artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi fil-kawza **"Mons. Anton Gauci vs Michael Schiavone et"** (A.C. 8 ta' Novembru 1995) intqal illi meta l-ingurja hija diretta kontra persuna fizika, *"il-margini ta' tolleranza twessa', u mhux kull kumment qawwi u anki azzardat jikkwalifika bhala ngurja", "dan li l-Qorti ghandha tippermetti l-attitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro l-limiti accettati tad-dicenza permessibbli f'socjeta' demokratika",* u tali regoli ghandhom jigu applikati

b'iktar wiesgha f'kazijiet li lejha hija ndirizzata tali kritika tkun ta' certa notorjeta` pubblika, il-kritika tkun ta' interess pubbliku, u fejn il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Illi l-istess gie affermat fis-sentenzi **"John Zammit vs Felix Agius"** (Cit Nru 1871/97/RCP) – deciza fil-15 ta' Marzu 2001, kif ukoll f' "**Dr Joseph Troisi vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 122/99/RCP), "**Emmanuel sive Lino Zahra vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et"** (Cit Nru 123/99/RCP), "**Joseph Caruana vs Rev. Fr. Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 129/99/RCP), "**Prof Anthony de Bono vs Fr Noel Grima"** (Cit Nru 124/99/RCP) ilkoll decizi fit-3 ta' Ottubru 2000, u "**Av Dr A. Borg Cardona vs Dr J. S. Abela et"** deciza 24 ta' Jannar 2002 - Cit Nru**:** 1311/98/RCP.

Illi ghal dak li jittratta dwar persuni pubblici tajjeb ukoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li fil-kuntest ta' kritika tal-istess persuni u politici u ta' l-operat taghhom, kienet u ghadha permessa l-attitudini wiesgha ta' fehmiet u opinjonijiet horox anke jekk mhux misthoqqa, u kultant ingusti. Dik il-giurisprudenza giet elaborata f'diversi gjudikati f'dawn l-ahhar snin, fosthom is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"Vincent Borg vs Victor Camilleri et"**, (A.C. 15 ta' Novembru, 1994, (Vol. LXXVIII. ii.372)).

Illi pero' fl-istess sentenza inghad li l-Qorti kienet *"tissottoskrivi l-hsieb li r-restrizzjonijiet li taghmel il-ligi ta' l-*

*istampa (Kap 248) ghandhom jigu nterpretati fid-dawl ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jigi nterpretat fil-gjurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani.*

*"Dan l-izvilupp fis-sistema legali taghna huwa zvilupp sinifikanti hafna ghal pajjizna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa' d-dritt ta' l-espressjoni. Madankollu f'dan l-izvilupp essenzjali l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita' billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' ta' l-espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jehtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta' demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta' li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, ma' l-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza ta' reputazzjoni, unur u l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta' demokratika ghandha kull dritt li tgawdi".*

Illi wiehed irid f'dan il-kuntest ihares lejn il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja kif qed tizviluppa wara s-sentenza awtorevoli u immorattiva fil-kaz **"Lingens"** u fil-kaz iehor **"Oberschlick"** fejn il-Qorti Ewropeja rriteniet li ma kienetx mehtiega f'socjeta' demokratika, ligi li tirrikjedi l-prova tal-verita' ta' opinjonijiet rigward figuri politici. Kuncett dan zviluppat fis-sentenza fil-kawza **"Thorgierson vs Iceland",** (1992) li bih l-applikant kien gie misjub hati ta' malafama tal-Pulizija f'diversi artikoli kritici hafna tal-komportament u dixxiplina taghhom.

Illi fil-fatt l-istess Qorti sostniet li *"Finding for the applicant the Court decided that the strong language followed from the author's assessment of the allegations of others and the state of public opinion about police misbehaviour. He (l-applikant) did not make any allegations which he should have been called upon to prove. He was writing about a matter of serious concern and his vigorous copy was designed to serve this purpose or drawing attention to it......".*

Illi fil-kawza **"Schwabe vs. Austria"** (1992) il-Kummissjoni Ewropeja rriteniet illi *"Politicians must be prepared to accept criticism even if far fetched but that such criticism must be founded on correct factual statements. It somewhat mitigated what correctness required when it said "In a short contribution to a discussion and the behaviour of politicians and the political morals not every word can be weighed to exclude any possibility of misunderstanding. The Court conflated the facts and opinion of Schwabe's article – they amounted to a value judgment for which no proof of truth is possible".* **(Harris, Boyle, Warbrick**, Law of the European Convention of Human Rights, p.397 *et seq).*

**B. L-AZZJONI ATTRICI W ID-DIFIZA MIGJUBA MILL-KONVENUT.**

Illi l-attur qed jaghmel il-kawza *stante* li qed ihossu malafamat b'diskors pubbliku li fih issemma b'mod

partikolari, liema diskors il-konvenut ghamlu l-Erbgha 24 ta' Lulju 1996 waqt li kien qed jindirrizza membri tal-Kumitati Lokali u attivisti ohra tal-Partit Laburista fic-Centru Nazzjonali Laburista. Illi l-imsemmi diskors jew parti minnu gew hekk rappurtati u pubblikati fil-gazzetti u f'mezzi ohra tax-xandir, fosthom fuq *Radju Super 1*, fil-harga tal-gazzetta *"L-Orizzont*" tal-Hamis 25 ta' Lulju 1996 permezz ta' l-artiklu ***"Membri ta' Delegazzjonijiet Ministerjali Dahhlu d-Droga"*** u fil-harga tal-gazzetta *"The Times"* ta' l-istess jum permezz ta' l-artiklu ***"Labour Leader makes new drugs allegations"***. Inoltre' s-sustanza ta' dan id-diskors baqghet tigi ripetuta f'kampanja sistematika.

Illi l-konvenut isostni li d-diskors imsemmi m'huwiex libelluz. Subordintament l-istess diskors jikkostitwixxi *fair comment* u jikkonsisti fl-espressjoni tal-opinjoni tieghu fuq grajjiet ta' interess pubbliku, permissibli f'socjeta' demokratika, u protett ukoll taht il-**Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem**. Fi kwalunkwe kaz huwa kien qed jagixxi fil-funzjoni tieghu ta' deputat tal-poplu u Kap ta' l-Oppozizzjoni biex jaghmel dak li hu dover u dritt tieghu li jikkritika l-amministrazzjoni fuq materji ta' nteress pubbliku u ma jistax ghalhekk jigi lilu mputat li agixxa b'*animus iniuriandi*.

**C. <u>PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi l-**attur Dr. Louis Galea** kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata. Huwa spjega li l-kliem li qed joggezzjona

ghalih fit-traskrizzjoni tar-rapport tad-diskors ta' Dr. Alfred Sant imxandar fuq *Super One Radio* fil-25 ta' Lulju 1996 (a fol.5 sa 7 tal-process) huwa s–segwenti:-

*"Il-Kap tal-Oppozizzjoni jghid li l-Pulizija ilha taf b'allegazzjonijiet li certi kunsinni ta' droga dahlu f'pajjizna ma' nies li kienu membri f'delegazzjonijiet Ministerjali tal-Gvern Nazzjonalista." "Il-Pulizija ilha taf b'allegazzjonijiet li certu kunsinni ta' droga dahlu f'pajjizna ma' nies li kienu membri ta' delegazzjonijiet Ministerjali tal-Gvern Nazzjonalista li kienu dehlin lura f'pajjizna".* Aktar 'l isfel intqal *"Fl-istess diskors Alfred Sant stieden lill-Ministru Louis Galea biex mill-Ministri kollha jibda hu u jaghmel stqarrija kategorika li qatt meta hareg b'delegazzjoni Ministerjali barra minn Malta ma kellux mieghu lil xi hadd li dahhal jew seta' dahhal xi kunsinni ta' droga".*

Illi l-attur imbaghad qal illi fir-rigward ta' dak li gie riprodott mid-diskors tal-konvenut fit-Times (Dok. "C" a fol.8 tal-process) joggezzjona ghal dak indikat fid-dokument esebit li ghalkemm fi kliem differenti bazikament hemm l-istess kummenti u nsinwazzjonijiet li gew rapportati fuq ir-radju. Imbaghad irrefera ghal dak li gie rapportat fil-gurnal *"L-Orizzont"* (Dok "B" a fol 8a u 8b tal-process) fejn prattikament hemm l-istess allegazzjonijiet u kliem.

Illi l-attur esebixxa stqarrija ghall-istampa u xandir li kien hareg immedjatament wara li kienu saru l-allegazzjonijiet in

kwistjoni fejn cahadhom kategorikament (Dok. “FGC 1” a fol. 24 tal-process) fejn inghad *inter alia* li:-

*“Bl-aktar mod kategoriku irrid nichad li qatt kien hemm xi hadd li hareg mieghi f’xi delegazzjoni ministerjali li mexxejt jien barra minn Malta li dahhal jew seta’ dahhal xi kunsinni ta’ droga”.*

Illi giet esebita wkoll “*press release”* rilaxxat mill-Partit Nazzjonalista datat 26 ta’ Lulju 1996 (Dok. “FGC2” a fol.25 tal-process) fejn fost affarijiet ohra inghad li l-konvenut gie mistieden sabiex f’terminu ta’ 24 siegha jsemmi l-ismijiet tal-membri ta’ delegazzjoni Ministerjali Maltin li huwa allega li dahhlu d-droga f’pajjizna.

Illi fid-Dok. “FGC 3” l-istess attur kiteb lill-persuni kollha li kienu jifformaw, xi darba jew ohra, kif indikat minn fol. 28 sa 31 tal-process, parti minn delegazzjoni li kienu sieffru mal-attur fil-kapacita’ tieghu ta’ Ministru ghall-Izvillup Socjali, sabiex l-istess membri ndikati kollha a fol. 27 tal-process jiehdu “*kwalunkwe azzjoni li jidhirlek xierqa fic-cirkostanzi”.*

Illi minn fol. 32 sa fol. 54 hemm ukoll dikjarazzjonijiet guramentati ta’ kull persuna li akkompanjatu f’xi delegazzjoni ministerjali mill-mument li sar Ministru f'Mejju 1987 sal-gurnata li fiha saret l-allegazzjoni (Dok. “FGC 3”) fejn kull persuna hemm indikata cahdet li qatt kellha x’taqsam ma’ xi importazzjoni ta’ droga, jew li qatt kienu

nvestigati fuq l-istess, u allura nkluz fid-data meta l-istess persuna partikolari kienet involuta bhala membru tad-delegazzjoni ministerjali fil-kaz rispettiv ta' kull individwu, tant li kull wiehed minnhom indika meta, kif u d-data meta huwa kien jifforma parti mill-istess delegazzjoni. Tali dikjarazzjonijiet guramentati saru bejn it-12 ta' Awissu 1996 u t-30 ta' Settembru kif wiehed jista' jara minn fol. 32 sa fol. 54 tal-process.

Illi l-istess attur semma' wkoll kif fiz-zmien tal-allegazzjoni kien Ministru ghall-Izvilupp Socjali u kwindi kien responsabbli mill-glieda kontra l-abbuz mid-droga. Huwa qal li baqa' jistenna qabel ma fetah il-kawza li l-Kap ta' l-Oppozizzjoni johrog l-informazzjoni fil-mument propizju, kif kien qal li ser jaghmel, pero' peress li ma semma' xejn aktar, imbaghad ghamel din il-kawza.

Illi 'n kontro-ezami xehed li hu ma jistax ighid personalment x'dahhlu u ma dahhlux hawn Malta l-membri tad-delegazzjonijiet li kienu jakkompanjawh. Huwa spjega li l-prattika hija li meta Ministru jasal Malta (inkluz huwa) b'delegazzjoni tieghu jigu skortati flimkien minn ufficcjali tal-Malta International Airport dritt mill-ajruplan ghall-*"Ministerial Lounge"* li hemm fl-ajruport. Hemmhekk ikun hemm ukoll ufficcjali tal-Pulizija u tad-Dwana. Issir il-*"clearance"* u jgibulhom il-bagalji u tad-Dwana jistaqsu lil kull membru jekk ghandux affarijiet x'jiddikjara jew le. Dan isir kollu fil-*"lounge"* u ma jghaddux mill-*"green belt"* u *"red*

*belt".* Gieli saru anki *"spot checks"* kif ukoll li membri ddikjaraw u hallsu d-dazju dovut.

Illi fil-fatt fid-dikjarazzjonijiet guramentati tan-nies li qatt xi darba telghu f'delegazzjoni mieghu u dawn kollha kemm huma ddikjaraw li qatt ma kellhom x'jaqsmu, direttament jew indirettament, ma' l-abbuz jew xi traffikar, jew attentat ta' traffikar ta' droga. Cahdu wkoll li qatt kellhom x'jaqsmu, direttament jew indirettament, ma' xi mportazzjoni jew xi possibilita` ta' xi attentat ta' mportazzjoni ta' droga f'Malta jew f'xi pajjiz iehor. Kull wiehed kkonferma li l-Pulizija qatt tarrfitilhom l-icken hjiel li ghandha xi allegazzjoni dwar kull wiehed minnhom kif gie rappurtat li qal Dr Alfred Sant.

Illi fl-affidavit tieghu **Dr. Alfred Sant** spjega li matul l-1996 komplew jizdiedu kazi ta' tmexxija min-naha ta' l-amministrazzjoni Nazzjonalista li l-Oppozizzjoni Laburista qieset bhala kritikabbli hafna, u huwa kien qajjem diversi fatti u argumenti bhala Kap ta' l-Oppozizzjoni dwar decizjonijiet li skond hu dehru mhux biss zbaljati imma abbuzivi. Huwa semma diversi avvenimenti fosthom il-mahfriet presidenzjali ta' Queiroz fl-1994 u ta' Joseph Fenech. Kif ukoll semma' diversi sitwazzjonijiet ohra fejn huwa kien gibed l-attenzjoni pubblika ghal decizjonijiet u maniggi fil-qasam tan-negozju fejn, skond huwa, rabtiet personali kien qed jinfluwenzaw jew jidhru li jinfluwenzaw decizjonijiet politici u pubblici.

Illi huwa qal li sadanittant waslitlu nformazzjoni minn zewg sorsi ndipendenti li seta' jorbot fuqhom, kienet tindika li nies b'konnessjonijiet ma' segretarji privati ta' mill-anqas tliet ministeri kienu allegatament *"anki nqdew jew qed jinqdew bi zjarat ministerjali barra biex imexxu n-negozju fid-drogi"*. L-indikazzjoni kienet ukoll ghal zjarat ta' natura personali. Skond hu kien hemm bizzejjed fatti maghrufa fost ohrajn il-kwistjoni dwar *Etienne Gatt u d-djarju ta' Ciro del Negro* biex ghamlu dawn l-allegazzjonijiet mhux biss kredibbli imma vijabbli bhala materja li jixirqilha attenzjoni. Dr. Sant xehed li hass u ghadu jhoss li kien dmir tieghu li dawn l-indizji jirrilevhom bil-mod li ghamel halli jekk xi ministru kien qieghed jigi wzat minn dawk ta' madwaru ghal skopijiet ulterjuri u kriminali jkollu kull cans li jiehu mizuri ta' prevenzjoni fil-futur. Huwa ddecieda li jsemmi l-ewwel il-Ministru tal-Politika Socjali ghax matul is-snin l-operat tal-istess Ministeru qajjem, skond hu, dubju u kritika dwar il-kriterji li bih kien jimxi.

Illi **Joseph Mifsud** xehed fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2001 a fol. 85 sa fol. 102 tal-process li f'Gunju 1994 kien kap tat-taqsima ta' l-ahbarijiet ta' *Bay Radio.* Huwa kien ircieva dokument anonimu li fih kien hemm allegazzjonijiet serji fosthom li f'hafna okkazjonijiet id-droga kienet tasal Malta ma' persuni li kienu jivvjaggaw mal-Ministri. Issemmew nies b'isimhom. Huwa mar ghand dak iz-zmien l-Ispettur Michael Cassar u ghaddielu d-dokument (Dok, "AS1") li kien fih hafna allegazzjonijiet. Kien hemm miktub illi kienu jithallsu Lm15,000 biex id-droga tkun tista' tidhol Malta u

kien hemm allegazzjonijiet li meta kien ikun hemm *shifts* differenti ta' persuni fl-ajruport kienu jiehdu Lm3,500 biex din tidhol Malta. L-Ispettur Cassar talbu biex ma johrogx din l-istorja halli jkun jista' jinvestiga l-kaz.

Illi mbaghad beda l-kaz ta' Meinrad Calleja fil-Qorti u kien esebit id-djarju ta' Ciro del Negro u ra cirkostanzi li bdew jaqblu fuq il-persuni u dati. Huwa sostna li baqa' jinvestiga u sab li f'zewg okkazzjonijiet *Etienne Gatt*, iben il-Ministru, kienet intalbet facilita' biex juza' l-*V.I.P. lounge* (Dok. "AS2" u "AS3"). Illi wahda mill-akkuzi li Meinrad Calleja nstab hati ghaliha kien proprju t-traffikar tad-droga u l-ftehim ta' l-importazzjoni taghha li kienet issir fl-ufficcju tal-Ministru Lawrence Gatt. Wara skopra li l-ittra anonima giet miktuba minn Ciro del Negro (Dok. "AS5"). Huwa esebixxa wkoll id-diskursata shiha li kellu ma' Ciro del Negro fejn issemmew nies partikolari.

Illi x-xhud qal li Ciro del Negro semmielu diversi nies li kienu vicin il-Ministru fosthom certu Norman Bezzina, konsulent mill-1989 ma' Dr. Louis Galea. Dan kien issemma in konnessjoni mal-kwistjoni tal-Isptar San Raffaele. Kien Etienne Gatt li laqqa' lil Ciro del Negro ma' Norman Bezzina fil-Ministeru tal-Politika Socjali. Joe Mifsud, fost affarijiet ohra, kompla li dan Norman Bezzina dam konsulent fil-Ministeru tal-Politika Socjali mill-1989 sal-1994 u ghandu nformazzjoni li tnehha wara li kien hemm oggezzjonijiet mill-Ufficcju tal-Prim Ministru u waqt l-istharrig li kien ghaddej fuq l-attentat ta' qtil ta' Richard

Cachia Caruana. Huwa qal li m'ghandux access biex jiccekkja jekk dan Norman Bezzina qattx kien jifforma xi darba parti minn delegazzjonijiet ministerjali tal-Gvern Nazzjonalista.

Illi l-istess xhud qal ukoll li dan l-ahhar tmien snin u nofs (*circa* allura minn 1993) dejjem kellu nformazzjoni li dan Norman Bezzina kien bniedem ihawwad u anki kien involut fid-droga u l-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien kien ikollu certu *clashes* minhabba l-indhil ta' Norman Bezzina minhabba l-kariga li kellu billi kien jirraprezenta lil Dr Louis Galea fil-bord tal-pariri. Illum Norman Bezzina jinsab akkuzat fil-Qorti u hemm *prima facie* kaz ta' assocjazzjoni, importazzjoni u traffikar tad-droga mill-Canada wara operazzjoni kbira li ghamlet il-Pulizija fejn inqabdu 2.2 kilos droga. Fl-1994 kien twaqqaflu l-kuntratt bhala konsulent fil-Ministeru ta' Dr. Louis Galea pero' mill-1994 sal-1996 s'Ottubru meta nbidel il-Gvern is-servizzi tieghu baqghu jintuzaw mill-fondazzjoni ghax-xjenzi l-FMSS ta' San Raffaele.

Illi giet esebita f'din il-kawza x-xhieda tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar li kien ta fid-19 ta' Mejju 1998 u 16 ta' Ottubru 2001, fil-kawza fl-ismijiet "**Dr. Louis Galea vs Joe Mifsud**" (Citazz. Nru. 944/97/GC) li ghaliha ma saritx oggezzjoni mill-attur, u ghalhekk ghandha titqies ghal kull effett u bwon fini tal-ligi bhala xhieda moghtija f'din il-kawza, fejn qal li kien involut fis-Sezzjoni tal-Vizzji minn Settembru 1993, u qal li f'Gunju/Lulju 1994 kien avvicinat

minn Joseph Mifsud li ghaddielu kopja ta' ittra anonima li huwa kien ircieva bl-*envelope* b'kollox li kienet tirreferi ghall-allegati avvenimenti fis-snin 1992 u 1993 u ghalhekk *"ghad-droga kien zmien twil cioe' ghall-investigazzjonijiet relattivi".* Talab lix-xhud precedenti sabiex ma jippubblika xejn sakemm isiru l-investigazzjonijiet, u beda biss jigbor informazzjoni dwar in-nies imsemmija fl-istess ittra li kopja taghha tinsab esebita bhala Dok. "AS1" f'dawn l-atti.

Illi semma li fit-18 ta' Novembru 1995 jew data ohra kien ressaq lil Meinrad Calleja l-Qorti u fis-6 ta' Dicembru 1995 kien baghat ghalih il-Kummissarju u fl-ufficcju tieghu, kien hemm id-Deputat Kummissarju Joseph Cachia u wkoll Ciro del Negro, fejn wara raw xi pagni mid-djarju tal-istess Ciro del Negro u x-xhud sostna li dak li kien hemm hemm kien jaqbel hafna mal-ittra anonima msemmija, u kkonkluda li jew l-ittra inkitbet minn Ciro del Negro jew inkella min kitibha kien qrib hafna tal-istess Ciro del Negro. L-attur ma kienx imsemmi f'din l-ittra, u lanqas fid-djarju ta' Ciro Del Negro, ghaliex l-unika riferenza li kien hemm kienet entratura tal-isem Joe, li meta staqsa lil Ciro del Negro dwarha, qallu li dan kien hu l-attur; x-xhud zied jghid li qatt ma kellem lill-attur dwar il-kontenut tal-istess ittra.

Illi qal b'emfasi li fl-investigazzjonijiet tieghu huwa qatt ma indahallu hadd. Illi dwar dan Joe Galea, huwa saqsa lil del Negro dwaru u dan qallu li *"kien hemm okkazjoni fejn huwa kien akkompanja lil certu Etienne Gatt li jigi it-tifel tal-ex Ministru il-Perit Lawrence Gatt, il-Ministeru ta' Louis Galea.*

*Waqt li kien qed jistenna kien hemm persuna li kienet kellmitu dwar diversi affarijiet fosthom it-temp u affarijiet ohra simili u meta hareg Etienne Gatt, Ciro del Negro staqsih dak min kien u Etiene Gatt qallu li kien Joe Galea, hu l-Ministru Louis Galea. Qalli li kien nizzel ismu biex jiftakru".* Dan Joe Galea kien tela' jixhed minn jeddu fil-procedimenti kontra Meinrad Calleja u kien qal li ma kellu x'jaqsam xejn mad-droga u li lil Ciro del Negro ma kienx jafu.

Illi l-ittra anonima uzaha sabiex jibni fuqha, u mhux biex jaghmel investigazzjoni *as such* peress li kien ghadda z-zmien mill-allegati avvenimenti hemm indikati, u li kien hemm affarijiet li seta' jahdem fuqhom u li seta' jkompli jinvestiga, iktar u iktar meta huwa jaghti kaz u jivvaluta kull informazzjoni li tigi ghandu. Fil-fatt qal li kien hemm ismijiet li kienu familjari mal-qasam tad-droga u hawn semma lil Charles Muscat tal-Mosta (Charlie l-Pips li wara kien involut f'*double murder* il-Mosta), Manwel Camilleri (il-Bully li kien skond ix-xhud involut fic-cirku tad-droga w anke *convicted*) mill-Imqabba (ghalkemm sa dakinhar ix-xhud ma kienx ghad jafhom) u wara spiccaw il-habs; Meinrad Calleja, ghaliex fl-1993 kien arresta lil ohtu, u fit-8 ta' Frar kien interrogah fl-ufficcju tieghu wara li kien gie mill-Ingilterra, ghalkemm lil Etienne Gatt sa dakinhar qatt ma rah jew sema' bih u wara pero' nvestigah u kellmu fil-bidu ta' Dicembru 1995, hafna wara l-istess ittra anonima, u wara li kellem u semmih Ciro del Negro fil-kuntest ta' dak deskritt fid-djarju tieghu dwar ismijiet u *events* hemm

indikati li jaghmlu kwazi kollha riferenza ghal *dealers* tad-drogi, u hemm diversi ismijiet imsemmija. Dan Etienne Gatt jinsab imsiefer u huwa ma jafx fejn hu, u huwa xhud mhux akkuzat u qatt ma kien imfittex mill-Pulizija; jissemma ukoll Sebastian Dalli, hu l-Ministru pero' mhux f'*deals* tad-droga.

Illi l-istess xhud kompla jghid li d-djarju kien spicca ghand il-Pulizija ghaliex id-deputat Kummissarju Joseph Cachia kien ghamel tfitxija fir-residenza tieghu u kien eleva fost affarijiet ohra dan id-djarju, w allura ma nghatax lill-Pulizija volontarjament, izda waqt *search* u x-xhud kellmu meta instab l-istess djarju. Huwa qallu li ma kien qatt involut u kien kiteb biss dak li qallu Etienne Gatt u x-xhud sostna li ghalih personali, Ciro del Negro kien involut f'dawn il-fatti pero' ma ghandu ebda prova. Fil-fatt kien ammetta li l-ittra inkitbet mill-mara tieghu u hu kien ittajpja l-ismijiet u l-ittra skond ix-xhud kienet *kardinali mhux ghall-investigazzjoni.* (fol. 124).

Illi l-istess xhud qal Ii fid-djarju (mhux fl-ittra) tissemma laqgha li kienet saret fil-Ministeru tal-Politika Socjali fejn jissemma fl-*entry "Joe Galea, Fratello di Louis, amico di Charlie Barriera"* u x-xhud sostna li *"kienu spjegawli illi din kienet, Ciro del Negro kien mar ma Etiene Gatt fil-Ministeru, sabiex ikellem lil certu Norman Bezzina, li kien jahdem il-Ministeru, u Ciro del Negro baqa' jistenna barra fil-waiting room; illi hemmhekk kien hemm persuna, kien hemm ragel, guvni, Ii dan beda jitkellem mieghu fuq l-Italja u sports jidhirli, insejt, imma fuq l-Italja u affarijiet generali,*

*pero' l-kelma kienet, 'affarijiet generali'. Etienne lesta, hareg mill-Ministeru, u Etienne lil Ciro qallu "taf min hu dak?". Qallu "le ma nafux". Qallu "dak Joe Galea, hu l-Ministru". B'hekk biss issemma Joe Galea".* (fol. 127). Minn Joe Galea fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, li ghamel volontarjament, sar jaf li huwa kien jaf lil Emmanuel Camilleri, fuq imsemmi fil-kazin tal-Football tal-Imqabba.

Illi dwar kif issemma Norman Bezzina, l-istess xhud qal *"li dan kien semmih Ciro del Negro, u kien semmih Etienne, ghax imbaghad tlabt spjegazzjoni minghand Etienne. Ghaliex Ciro kien semma illi, fid-droga ma kienx issemma, lanqas minn Ciro, pero' kien issemma dwar meeting li kien hemm, li saret minghalija d-Dolmen, jew is-Suncrest, wahda minnhom, fejn kienu prezenti Norman Bezzina, Etienne Gatt, u zewg Taljani, dwar il-kuntratt ta' l-Isptar San Raffaele, fejn Ciro del Negro kien allega li Norman Bezzina beda jitlob percentwali sabiex jiehdu x-xoghol huma. Meta tlabt spjegazzjoni, ghalkemm nista' nghid li ma dhaltx fil-fond taghha, u ghaddejt, originajt investigazzjoni separata tal-frodi, it-taqsima ta' kontra l-frodi dak iz-zmien, pero' xorta wahda tlabt spjegazzjoni minghand Etienne Fuqha, u Etienne qalli iva dak il-meeting sehh, mat-Taljan kien prezenti huwa, pero' ma ntalbu l-ebda percentwali, u illi kien hemm prequalification li fil-fatt dawn it-taljani kienu jirraprezentaw kumpanija zghira, zghira, ghax-xoghol li jinvolvi l-isptar il-gdid kienu zghar, tant li lanqas mill-prequalification ma ghaddew".*

Illi f'parti ohra tal-istess xhieda l-istess xhud a fol. 140 tal-process qal:-

*"Avukat: Norman Bezzina ma ssemmiex fil-kuntest tad-drogi minn dawk iz-zewg persuni, pero' fil-fatt kellek informazzjoni dwar Norman Bezzina, sa dak iz-zmien, in konnessjoni mad-drogi?*

*Xhud: Bhala Intelligence.*

*Avukat: Hekk hu.*

*Xhud: Bhala Intelligence iva, kelli.*

*Avukat: Jigifieri kien hemm investigazzjoni dwar dil-persuna".*

*Xhud: Le, mhux investigazzjoni, ghax investigazzjoni hija differenti".*

*Avukat: Informazzjoni mela.*

*Xhud:- U lanqas informazzjoni ghaliex? Ghax jiena nikklassifika nformazzjoni intelligence, ghandek xi haga qieghda fis-shab, informazzjoni kif jiena nikklassifikaha, mhux jigifieri xi klassifikazzjoni li jsibha fil-kotba ta', kif nikklassifika jiena. Meta jiena nikklassifika nformazzjoni, voldieri din fiha aktar sugu, aktar laham. Hemm aktar bazi*

*fuqhiex wiehed joqghod. Nghid issa s'hemmhekk kienet ghadha intelligence li kelli.*

*--omissis --*

*Avukat: Fl-4 ta' Dicembru 1995* (statement ta' Ciro del Negro). *Li jinteressani jiena fejn isemmi 'l Norman Bezzina.*

*Xhud:- … … ... tal-Pulizija Ezekuttiva, hekk deskritti hawnhekk, kien jghaddihom lil Norman Bezzina. Waqt li kien hemmhekk, ried ikellem, Ciro ried spjegazzjoni biex jehles mill-problema li kellu ta' meta kien kull darba li kien jidhol, kienu jwaqqfuh u fil-frattemp dan cempillu, cempel lil xi hadd, Norman Bezzina cempel lil xi hadd u qallu: 'Issa nkellmek aktar tard fuqha. Fil-frattemp qabdu jitkellmu dwar Charlie l-Pips u Leli Camilleri'.*

*Avukat: Min Qabad jitkellem fuq Charlie l-Pips?*

*Xhud: Norman Bezzina u Etienne. U qalulu (*Ciro del Negro) *biex johrog 'il barra, qalulu biex johrog 'il barra, u hareg".*

Illi dwar dan Norman Bezzina, l-istess xhud fis-seduta tal-16 ta' Ottubru 2001 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, f'kawza ohra qal li dan l-ahhar kien hemm investigazzjoni li kienet tinvolvi lil Norman Bezzina, u kien akkuzat b'importazzjoni u traffikar tad-droga; fil-fatt kien hemm zewg kawzi wahda qabdu d-droga u l-ohra le, u

hawn kien qed jirreferi "*ghall-fatti li graw wiehed f'Marzu ta' din is-sena* (2001) *u l-iehor dam ghaddej, ghaliex domna ghaddejjin biha. Pero' finalment jekk m'iniex sejjer zball konna ntercettajna fis-26 ta' April, ta' din is-sena wkoll".*

Illi kienu ilu f'mohh ix-xhud minn wara l-1994 (fol. 147) pero' ma kien hemm ebda nvestigazzjoni jew *file* dwaru. Fin-1997 ma kienx qed jigi segwit u lanqas kien hemm investigazzjoni dwaru, pero' jaf dwaru biss. Fid-djarju ta' Ciro del Negro dan Norman Bezzina ma jissemmiex. Fl-i*statement* tal-Pulizija issemma fil-kuntest li gja gie kwotat li qal. F'*intelligence* kien issemma. L-ewwel darba li ssemma kien mal-investigazzjonijiet tal-kuntratt f'*late* 1994; Kien wara s-sena 1994 li beda jissemma.

Illi fl-1997 l-Kummissarju tal-Pulizija kien informah li kien ircieva ittra minghand l-attur sabiex isiru xi investigazzjonijiet u sabiex jinhareg lilu certifikat li huwa qatt ma kellu x'jaqsam mat-traffikar tad-droga. Illi kien ircieva wkoll rapport minghand l-attur fil-konfront tax-xhud Joseph Mifsud, u meta baghat ghall-istess Joseph Mifsud dan qallu li m'ghandu xi jghid xejn fil-konfront tal-attur u dak kollu li hekk huwa fil-ktieb tieghu "Id-Djarju ta' Ciro Del Negro". Ix-xhud qal li x-xhud ma semma' xejn li jindika li Dr Louis Galea kien jaf b'xi haga u ma hax passi … … "*anke fl-istqarrija fil-fatt".*

## D. APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ.

Illi skond l-attur il-kliem li huwa hassu li ngurjah personalment huwa s-segwenti:-

*"Il-Kap tal-Opposizzjoni jghid li l-Pulizija ilha taf b'allegazzjonijiet li certi kunsinni ta' droga dahlu f'pajjizna ma' nies li kienu membri f'delegazzjonijiet Ministerjali tal-Gvern Nazzjonalista." "Il-Pulizija ilha taf b'allegazzjonijiet li certu kunsinni ta' droga dahlu f'pajjizna ma' nies li kienu membri ta' delegazzjonijiet Ministerjali tal-Gvern Nazzjonalista li kienu dehlin lura f'pajjizna".* Aktar l-isfel intqal *"Fl-istess diskors Alfred Sant stieden lill-Ministru Louis Galea biex mill-Ministri kollha jibda hu u jaghmel stqarrija kategorika li qatt meta hareg b'delegazzjoni Ministerjali barra minn Malta ma kellu mieghu lil xi hadd li dahhal jew seta' dahhal xi kunsinni ta' droga".*

Illi dwar dan il-konvenut qed jeccepixxi fl-ewwel lok li l-artikolu in kwistjoni mhux libelluz fil-konfront ta' l-attur. Illi din it-tip ta' eccezzjoni tista' tfisser kemm li l-artikolu mhux libelluz, u kemm wkoll li l-istess artikolu ghalkemm libelluz fih innifsu, ma huwiex libelluz fil-konfront tal-attur. Illi ghalhekk l-ewwel ezami li jrid issir huwa jekk tali artikolu huwiex libelluz, u jekk ir-risposta hija fl-affermattiv, isir ezami iehor jekk tali artikolu huwiex libelluz fil-konfront tal-attur, ghaliex dik hija l-kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti u dan fil-konfront tal-istess imsemmi bran tad-diskors tal-konvenut.

Illi a propositu l-**Gately** (**"On Libel and Slander")** jiddefinixxi l-libell bhala "*Any written or printed words which tend to lower a person in the estimation of a right-thinking man or cause him to be shunned or avoided or expose him to hatred, contempt or ridicule".*

Illi fl-ewwel lok jinghad li dan il-bran kien parti minn diskors li ghamel il-konvenut fl-24 ta' Lulju 1996, liema diskors gie rapportat fuq il-media inkluzi r-radju u l-gazzetti indikati fic-citazzjoni attrici fejn parti sostanzjali mis-suggett trattat fl-istess diskors kienet il-kwistjoni ta' l-allegata korruzzjoni minn certi nies prominenti vicin tal-Gvern ta' dak iz-zmien, li l-attur kien wiehed mill-Ministri tieghu, u dan f'diversi oqsma fosthom ghoti ta' kuntratti mill-Gvern, thaddim ta' nies mal-Ministeri li ghandhom lejalta' lejn il-Ministru koncernat, u allegazzjonijiet ohra.

Illi pero' l-kawza odjerna titratta biss dak li allegatament inghad fil-konfront tal-attur u in konnessjoni mal-brani fuq rapportati, *stante* li fix-xhieda, citazzjoni u dikjarazzjoni attrici huma proprju dawn il-brani biss li l-attur hass li llibellawh. Dan ifisser li din is-sentenza ghandha u qed tkun limitatata biss ghall-istess parametri, fuq kollox imposti mill-attur fic-citazzjoni u fix-xhieda, ghalkemm huwa principju fondamentali f'materja ta' libelli, li sabiex wiehed jiddetermina jekk diskors, rapport, trasmissjoni, jew artikolu humiex fihom innifishom libelluzi, wiehed irid ihares lejn r-rapportagg jew it-test shih, anke sabiex wiehed jiehu s-

sens, kuntest u s-sinifikat ta' dak kollu li jkun qed jinghad, u dan sabiex wiehed jiddetermina l-effett li l-istess lingwagg halla jew seta' halla fuq il-persuni li jew qraw jew semghu l-istess rapport, kollox dipendenti fuq il-mezz ta' media uzata sabiex l-istess messagg jasal ghall-pubbliku in generali.

Illi mela dan ifisser li dak li ser jigi ezaminat huwa biss l-allegazzjoni li indubbjament saret mill-konvenut fid-diskors imemmi, (tant li l-konvenut f'dawn il-proceduri qatt ma ssottometta li ma qalx l-istess kliem), li l-Pulizija kienet taf b'allegazzjonijiet li certi kunsinni tad-droga dahlu Malta ma' nies li kienu membri f'delegazzjonijiet ministerjali tal-Gvern Nazzjonalista, u f'dan il-kuntest l-attur gie identifikat sabiex jaghmel stqarrija kategorika li huwa qatt meta hareg b'delegazzjoni ministerjali barra minn Malta ma kellu mieghu lil xi hadd li dahhal jew seta' dahhal xi kunsinna ta' droga.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur apparti li cahad kategorikament din l-allegazzjoni kemm qabel il-kawza permezz ta' stqarrija datata 25 ta' Lulju 1996, u mxandra fl-istampa, u wkoll tramite *press release* tal-Partit Nazzjonalista tal-istess data, esebixxa l-ismijiet kollha tal-persuni li kienu jifformaw f'xi zmien jew iehor, parti mid-delegazzjoni mieghu bhala Ministru mill-1 ta' Mejju 1987 sal-gurnata meta saret l-imsemmija allegazzjoni fl-24 ta' Lulju 1996.

Illi apparti dan il-persuni kollha li kienu jifformaw parti anke ta' wahda minn tali delegazzjonijiet ministerjali fl-istess perjodu kollha esebew affidavit fejn ghamlu cahda kategorika kull wiehed u wahda minnhom li huma kellhom x'jaqsmu direttament jew indirettament ma' l-abbuz jew traffikar tad-droga, jew ma' importazzjoni tal-istess, lanqas meta kienu jifformaw parti minn xi delegazzjoni Ministerjali in kwistjoni, u l-lista kompleta ta' dawn in-nies tinsab esebita a fol. 27 tal-process, bil-lista ta' delegazzjonijiet Ministerjali li saru sa dak iz-zmien, li tinsab esebita a fol. 28 sa 31 tal-process, u bid-dikjarazzjonijiet guramentati rispettivi tal-istess persuni li jinsabu esebiti rispettivament minn fol. 32 sa 54 tal-istess process.

Illi l-kliem tad-diskors tal-konvenut u partikolarment dak indikat mill-attur bhala libelluz fil-konfront tieghu, jikkontjeni akkuzi serji fil-konfront tal-Ministri tal-Gvern ta' dak iz-zmien, li jikkonsistu fl-allegazzjoni li meta kienu jsiefru barra minn Malta fuq xoghol ufficjali tal-Gvern, kellhom maghhom membri fid-delegazzjoni li kienu mhux biss jittraffikaw id-droga, izda li sahansitra jimpurtaw l-istess droga meta kienu membri tal-istess delegazzjoni huma u dehlin lura Malta. Il-bran *"li certi kunsinni ta' droga dahlu f'pajjizna ma' nies li kienu membri ta' delegazzjonijiet Ministerjali tal-Gvern Nazzjonalista li kienu dehlin lura f'pajjizna"* ifisser ghall-qarrej u/jew semmiegh tal-istess diskors proprju dak li qed jinghad bil-Malti car fl-istess silta, u cjoe' li persuni li kienu parti minn tali delegazzjonijiet kienu qed jabbuzaw mill-pozizzjoni privileggjata taghhom

bhala membri tal-istess delegazzjoni tant li addirittura jgibu u jdahlu d-droga f'pajjizna, meta u fil-hin li qed igawdu mill-istess privileggi ta' trattament ghall-istess delegazzjonijiet, u b'hekk qed juzaw tali trattament preferenzjali fid-dhul taghhom lura Malta sabiex jaghmlu reati kriminali serjissimi bhal dik ta' mportazzjoni ta' droga.

Illi biex isahhah din l-allegazzjoni l-konvenut anke qal li *"il-pulizija ilha taf"* b'tali allegazzjonijiet u taht dan l-aspett ma hemm l-ebda dubju li tali diskors kif rapportat f'artikoli ndikati fil-gazzetti u fix-xandira ndikata bir-radju, huma malafamanti fil-konfront tal-membri tal-istess delegazzjoni u kemm tal-persuni li kienu jokkupaw il-kariga ta' Ministri tal-Gvern f'dak iz-zmien;

Illi fl-istess diskors jinghad ukoll li l-Pulizija kienet taf b'dawn l-allegazzjonijiet, u allura, tenut kont tal-fatt li hawn id-diskors huwa dirett lejn delegazzjonijiet Ministerjali, ma hemm l-ebda dubju li min jisma' dak id-diskors jinghata x'jifhem wkoll li l-Pulizija ma agixxietx fuq dawk l-allegazzjonijiet.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-attur, apparti li huwa kien Ministru tal-Gvern, u bhala tali mexxa delegazzjonijiet ministerjali barra minn Malta, fl-istess diskors il-konvenut ikkritika sew l-operat tal-istess attur f'diversi oqsma tal-operat tieghu bhala Ministru, li bhala tali ma humiex il-mertu ta' din il-kawza, pero' servew sabiex jigi identifikat li l-attur kien bla dubju il-mira tal-konvenut anke f'dawk il-

brani suggett tal-kawza odjerna, tant li l-attur anke issemma b'ismu fuq l-istess allegazzjonijiet dwar it-traffikar tad-droga fil-kuntest imsemmi, tant li gie mistieden sabiex huwa personali jaghmel stqarrija fejn jichad kategorikament li fid-delegazzjonijiet tieghu barra minn Malta huwa qatt ma kellu mieghu lil xi hadd, parti mill-istess delegazzjonijiet tieghu, li dahhal jew seta' dahhal xi kunsinni ta' droga.

Illi mill-kumpless ta' dan kollu, maghdud ukoll mal-kontenut tad-diskors kollu tal-attur, jidher li l-istess diskors kien qed jakkuza lill-Ministri tal-Gvern mhux identifikati, u lill-attur in partikolari, li maghhom u ghal dak li jikkoncerna lill-attur, mieghu kellu jew seta' kellu persuni formanti parti mill-istess delegazzjoni, li kienu jittraffikaw fid-droga, u li sahansitra mportaw id-droga meta u waqt li kienu membri tal-istess delegazzjoni, huma u dehlin Malta, u li *nonostante* l-fatt li tali persuni setghu u kienu qed jigu nvestigati mill-Pulizija, il-Ministri koncernati inkluz l-attur ma ghamlu xejn, u f'dan il-kuntest issemma l-attur sabiex kategorikament jichad dan kollu.

Illi minn dan jirrizulta li fl-istess diskors li l-attur gie indikat *di persona* bhala wiehed mill-istess Ministri, li kellu jew seta' kellu dawn il-persuni, li fuqhom kien hemm allegazzjoni li kienu qed jittraffikaw id-droga, u li jdahhlu l-istess droga f'pajjizna, addirittura meta kienu membri tad-delegazzjoni ministerjali, u tant gie ndikat l-attur li gie mistieden li jichad l-istess kategorikament, li in verita` sar mill-attur l-ghada tal-imsemmi diskors, pero' sadanittant l-akkuzi tal-konvenut

baqghu hemm, tant li huma l-mertu tal-azzjoni odjerna li qed tigi deciza llum circa hames (5) snin wara l-istess diskors.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, u in vista tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti ma hemmx dubju li l-istess diskors fil-brani indikati mill-attur u li dwarhom sar l-ilment tieghu f'din il-kawza, huwa mhux biss libelluz fih innifsu izda wkoll huwa libelluz fil-konfront tal-attur, u jattribwilu fatti serji, li kieku vera huma tant gravi, li certament jaffetwaw l-integrita` u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku jekk mhux ukoll ghall azzjonijiet aktar serji, apparti li l-pozizzjoni tieghu dak iz-zmien ta' Ministru kienet tkun serjament pregudikata, iktar u iktar meta bhala Ministru Ghall-Izvilupp Socjali kienet tinkorpora r-responsabbilita' tal-Agenzija Sedqa li l-ghan taghha proprju huwa li tindirizza l-problema tal-abbuz tad-droga, apparti li kien Ministru tal-Intern.

Illi stabbilit il-premess wiehed jasal ghat-tieni eccezzjoni fejn qed jinghad li l-istess diskors jikkonsisti biss f'*fair comment* fuq grajjiet ta' interess pubbliku permessibbli f'socjeta' demokrattiva u prottetti taht il-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi taht dan l-aspett wiehed irid jara jekk tali brani humiex biss kumment u allura espressjoni ta' opinjoni jew anke kritika *da parte* tal-konvenut fil-konfront tal-attur, jew inkella humiex allegazzjonijiet ta' fatt *da parte* tal-istess konvenut fil-konfront tal-attur, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ghalkemm

ma hemmx dubju li kulhadd ghandu dritt jaghti l-opinjoni tieghu fuq l-operat ta' haddiehor, u fil-kamp politiku din l-opinjoni tista' tkun harxa hafna, u anke azzardata, pero' din qatt ma tista' tasal sabiex tibbaza ruhha fuq fatti li ma humiex veri jew ippruvati, u wisq inqas tali opinjoni ma tista' u m'ghandha qatt tinsinwa fatti mhux veri fil-konfront tal-persuna li lejha tkun diretta tali kritika, ghaliex l-ezercizzju tad-dritt li wiehed jaghmel kumment anke azzardat hafna ghandu dejjem il-limitu tieghu li jibbaza ruhu fuq fatti li huma veri u sostanzjati, ghaliex altrimenti ma jkun kumment xejn, izda attribuzzjoni ta' fatti skorretti ghad-dannu ta' haddiehor, u hawn immedjatament tiskatta l-protezzjoni tal-ligi ghall-fama tal-persuna hekk attakkata jew malafamata.

Illi hekk fil-kawza **"Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja"** deciza minn din il-Qorti (N.A.) fid-19 ta' Jannar 1996 intqal li:-

"*Il-linja medjana fejn propju d-dritt ta' espressjoni libera taccedi lil dik ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprio … … … …, fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti. F'dan il-kaz jonqos il-professjonalizmu u l-istharrig serju u minflok jidher generalizmu bbazat fuq allegazzjonijiet u ajdut li ma jirrispekkjawx il-fatti*".

Illi dan il-principju gie ukoll ikkonfermat fis-sentenzi ricenti fl-ismijiet "**Onor. Josef Bonnici vs Joe Chetcuti u Frans**

**Ghirxi**" (Citazzjoni Numru 1543/96/NA – 26 ta' Marzu 1999) u "**Rev. Mons. Dr. Joe Vella Gauci vs Ray Bugeja**" (Citazzjoni Numru 2763/96/NA – 22 ta' Marzu 1999) u **"Ernest Tonna vs Felix Agius"** (P.A. (RCP) 21 ta' April 1999). Illi 'nfatti fil-kawza **"Dr. Alfred Sant vs Dione Borg et"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) inghad li:-

*"Ghalhekk f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero' hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragionevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjeta' in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika, ... …,ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici".*

Illi konsistenti ma' dan il-principju isegwi li "*kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ngurjuzi ghall-ahhar".* L-istess Qorti fis-sentenza "**Edgar Bonnici Cachia vs Dr. Michael Frendo et noe**" (P.A. (JF) 27 ta' April 1999 – Vol. LXXII. Pt 3/V pg 792) sostniet:-

"*Il-Qorti tikkomprendi l-bzonn li jkun hawn stampa hielsa u tifhem ukoll li notizji ta' certu 'hoss' ma jistghux ma*

*jixxandrux. Minn naha l-ohra, il-Qorti qatt ma kellha, u ma jistax ikollha, simpatija ma' kitbiet li 'jhammgu' gravament ir-reputazzjoni personali … … … … minghajr ma jkollu l-fatti riprodotti b' mod li jirrispekkjaw il-verita*`".

Illi dan kollu jaghmel id-distinzjoni bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u kummenti fuq il-fatt "*jew allegati fatti"* wahda deciziva, jew kif ahjar maghruf "*allegation of fact"* u "*comment*" (*vide* "**Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit**" [P.A. 3 ta' Ottubru 1991]; "**Joseph J. Vassallo vs Paolo Pace**" [A.K.-MG 17 ta' Jannar 1951]; "**Domenic Mintoff vs Thomas Stadley et noe**" [P.A. (H.) 28 ta' Novembru 1953]) ilkoll ikkwotati f'sentenza ta' din il-Qorti "**Marin Hili vs Felix Agius**" (Citazzjoni Numru 1767/97/RCP - 3 ta' Dicembru 1998); (**"Profs John Rizzo Naudi vs Felix Agius et"** - Appell 13 ta' Mejju 1997).

Illi b'konsegwenza tal-applikazzjoni tal-imsemmija principji jirrizulta li l-brani lamentati mill-attur ma jikkostitwux biss kumment jew opinjoni tal-konvenut fid-diskors tieghu, ghaliex hemm accenn car ghall-allegazzjonijiet ta' certi fatti, li qed jigu kkontestati mill-attur li huma veri, u dan senjatament in vista tal-allegazzjoni li saret anke fil-konfront tal-attur innifsu bhala Ministru, li meta huwa mexxa delegazzjonijiet ministerjali barra minn Malta, kellu persuni mieghu li kienu qed jigu investigati mill-Pulizija fuq akkuzi ta' traffikar tad-droga, u li dawn uzaw jew setghu juzaw l-i*status* taghhom privileggjat ta' membri tal-istess delegazzjoni, sabiex idahhlu d-droga hawn Malta.

Illi jibda biex jinghad li din il-Qorti sejra tezamina l-provi biss fil-konfront tal-allegazzjonijiet attrici u limitatament dwar il-brani li l-attur qed ihoss li huma malafamanti fil-konfront tieghu fid-diskors tal-konvenut, u mhux dwar allegazzjonijiet li saru fuq affarijiet ohra u dwar u minn persuni ohra, *stante* li dawn ta' l-ahhar ma humiex il-mertu ta' din il-kawza; fil-fatt din il-Qorti hija obbligata bil-Ligi li taghmel dan, ghaliex is-sentenza taghha ghandha tkun limitata ghall-parimetri imposti lilha mill-istess azzjoni attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, u xejn izjed.

Illi m'hemmx x'inghidu li d-determinazzjoni tal-Qorti fuq dan il-punt ghandu jkun u qed jkun ibbazat fuq dak kollu li jirrizulta lilha fl-atti processwali, ghaliex il-process gudizzjarju jimponi u jirrikjedi li l-gudizzju finali f'kull kawza ghandu jigi bbazat unikament, esklussivament u biss fuq dak li jirrizulta mill-atti, u kull konsiderazzjoni ohra hija estraneja ghal dan l-ezercizzju.

Illi dan ma jfissirx li dak kollu li hemm indikat fl-istess atti huwa determinanti u relevanti ghall-kwistjoni odjerna, u dan qed jinghad ghaliex mid-dokumenti prodotti mid-difensur tal-konvenut, jirrizulta li gew esebiti diversi, anke b'mod pjuttost voluminuz li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-mertu tal-kawza odjerna, *stante* li kif stabbilit il-mertu tal-kawza odjerna dejjem kien u jibqa' l-allegazzjoni li membri tad-delegazzjonijiet ministerjali ta' dak iz-zmien kellhom maghhom jew fihom persuni li kienu qed jigu nvestigati mill-

Pulizija dwar traffikar tad-droga, u li tali persuni, inkluzi dawk adetti mal-attur, uzaw din il-pozizzjoni taghhom sabiex setghu jew sahanistra dahhlu d-droga f'Malta meta kienu effettivament membri tal-istess delegazzjoni.

Illi f'dan il-kuntest u fl-isfond tal-allegazzjonijiet tal-konvenut u l-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta li l-konvenut tramite il-provi minnu prodotti, u senjatament fl-affidavit tieghu ma qal xejn dirett lejn l-attur fl-allegazzjoni tieghu, b'dan ghalhekk li l-allegazzjonijiet li hemm fid-diskors tieghu fil-konfront tal-attur ma gew bl-ebda mod sostanzjati, u fil-fatt fl-affidavit tieghu l-attur f'dan il-kuntest ma jissemmiex ghalkemm jissemma f'allegazzjonijiet ohra li ma humiex il-mertu ta' din il-procedura.

Illi fuq il-kwistjoni tat-traffikar tad-droga jinghad mill-konvenut pero' li minn sorsi tieghu gew indikati nies b'konnessjonijiet ma' segretarji privati ta' mill-inqas tliet ministeri li kienu allegatement anki nqdew jew qed jinqdew bi zjarat ministerjali barra biex imexxu d-drogi. *"Is-sorsi li tawni dawn l-indizji ma kellhom l-ebda fiducja li setghu jaslu ghal xi rizoluzzjoni xierqa ta' l-allegazzjonijiet taghhom permezz ta' kanali ezekuttivi w amministrattvi ezistenti, u bl-ebda mod ma riedu li jsiru maghrufa. B'riferenza ghal zjarat ministerjali barra, l-indikazzjoni ma kienitx biss ghal zjarat ufficjali imma anki ghal ohrajn ta' natura personali"* (fol. 71).

Illi ghalkemm hawn ma hemm ebda riferenza diretta ghall-attur, fis-sens li ma huwiex hawn identifikat, ma hemmx dubju li dan il-bran jista' jittiehed li jirreferi ghall-attur, *stante* li certament kien wiehed mill-Ministri tal-Gvern ta' dak iz-zmien u fi kwalunkwe kaz mehuda din l-ispjegazzjoni tal-konvenut fil-kuntest tad-diskors tieghu, fejn ghamel l-intervent tieghu hawn lamentat mill-attur, jidher car mill-konvenut innifsu s-sinifikat tal-istess brani citati, fejn dak li fuq inghad f'din id-decizjoni li tali bran ifisser huwa hawn ikkonfermat b'mod mill-iktar preciz mill-konvenut innifsu, u jikkonsisti f'akkuzi serjissimi, jista' jkun ta' natura kriminali li fl-ahjar ipotesi, l-ebda membru tal-gvern, jew persuna pubblika ma trid li tkun akkuzata bihom, aktar u aktar jekk ma humiex veritieri.

Illi fil-konfront tal-attur, dawn l-allegazzjonijiet huma iktar precizi, fis-sens li huma wkoll diretti lejh, mhux biss ghaliex huwa kien Ministru f'dak iz-zmien u allura certament li dan jolqot lilu wkoll, izda ghaliex ma hemm lanqas ebda dubju, u dan fil-konfront tas-semmiegh jew qarrej ta' ntelligenza normali, li l-istess diskors jirreferi ghalih personalment, tant li huwa identifikat b'ismu u fil-fatt l-istess konvenut jistieden lill-attur biex jaghmel cahda kategorika ta' dak li gie hekk attribwit anke lilu fl-istess diskors. Illi allura jekk xejn l-istess affidavit tal-konvenut jikkonferma l-allegazzjonijiet li huwa ghamel fil-konfront ukoll tal-attur fuq din il-bazi.

Illi apparti dan pero' l-konvenut bl-ebda mod ma jissostanzja l-allegazzjonijiet minnu vantati fid-diskors

tieghu fil-konfront tal-attur, anzi ma jsemmi xejn dwar dan il-punt ta' traffikar ta' droga u d-delegazzjonijiet ministerjali, inkluzi dawk attrici. Illi allura certament li l-affidavit tal-konvenut ma jipprovax li l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-attur u hawn mertu tal-kawza odjerna gew b'xi mod ippruvati.

Illi mill-provi l-ohra kollha prodotti, u senjatament mid-dokumenti esebiti jidher li l-konvenut bil-produzzjoni tal-istess ma rrefera ghall-ebda wahda mid-delegazzjonijiet indikati mill-attur bhala data, u mhux biss izda ma semma lil hadd mill-persuni kollha ndikati fil-lista ta' membri li kienu jifformaw parti mill-istess delegazzjonijiet mal-attur bl-eccezzjoni ta' certu Norman Bezzina; illi ghalhekk certament li l-allegazzjonijiet tal-konvenut ghal dak li jirrigwarda l-persuni kollha ndikati mill-attur, li ma gewx kontradetti mill-konvenut, ma tistax tissussisti.

Illi ghal dak li jirrigwarda dan l-imsemmi Norman Bezzina mill-provi prodotti jirrizulta li huwa kien membru ta' delegazzjoni ministerjali darba biss, u din sehhet bejn id-29 ta' Marzu sa l-10 ta' April 1991 ghall-iffirmar tal-Ftehim tas-Sigurta' Socjali, il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika, u ladarba mill-mod kif tmexxiet id-difiza tal-konvenut u mill-provi prodotti jidher li kienet biss din il-persuna li ssemmiet, l-allegazzjoni tal-konvenut jidher li hija limitata w ibbazata proprju fuq l-operat ta' din il-persuna, w allura ghal din l-okkazzjoni unika ta' safar f'delegazzjoni ministerjali ghaliex

kien biss f'din l-okkazzjoni li huwa kien jifforma parti mill-istess delegazzjoni mal-attur.

Illi jinghad li mill-provi jirrizulta li l-istess Norman Bezzina kien jokkupa *inter alia* il-pozizzjoni ta' konsulent mal-Ministeru tal-attur sal-1994, izda lanqas hawn ma jidher li l-konvenut irnexxielu jipprova l-allegazzjonijiet kontenuti fl-istess diskors tieghu, *stante* li f'dak il-perjodu meta l-istess persuna kienet tifforma parti minn delegazzjoni mal-attur, u dan kien ghal darba wahda biss fis-sena 1991, (prova mhux kontradetta mill-konvenut) ma' jidhirx li sa dak iz-zmien kien hemm xi haga li torbot lill-istess persuna ma traffikar tad-droga, u wisq inqas ingabet il-prova li bhala membru tad-delegazzjoni ministerjali huwa dahhal mieghu xi droga hawn Malta.

Illi mill-provi prodotti mill-konvenut jidher li f'dak iz-zmien relattiv ghall-kaz odjern sakemm sar id-diskors mertu tal-kawza odjerna l-istess Norman Bezzina kien issemma biss minn Ciro del Negro dwar xi laqghat li huwa kellu ma' Taljani dwar il-kuntratt ta' San Raffaele, li certament ma huwiex il-mertu tal-kawza odjerna u ma ghandu x'jaqsam xejn mat-traffikar tad-droga.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti u senjatement mix-xhieda ta' l-Assistent Kummissarju Michael Cassar li nghatat f'kawza ohra, jinghad b'mod mill-iktar esplicitu li f'dak iz-zmien din il-persuna ma kienet qed issir l-ebda investigazzjoni fuqha, lanqas in konnessjoni mat-traffikar tad-droga. Kien

issemma biss dwar l-ghoti ta' *tender* ta' l-Isptar San Raffaele fejn ried xi persentagg jekk tali offerta tigi moghtija lil xi Taljani li ltaqghu mieghu, u li ma sehh xejn dwarha, u ma ssemmiex fil-kuntest ta' drogi la fid-djarju u lanqas *statement* ta' Ciro del Negro. Issemma wkoll dwar xi citazzjoni tal-Pulizija Esekuttiva u xi laqgha li kien hemm fil-Ministeru. Kien biss skond l-istess xhud f'mohhu pero' dan biss fl-ahhar tas-sena 1994 u ma kien suggett ghal ebda investigazzjoni u lanqas segwiet fuq intricci tad-drogi.

Illi dwar ix-xhieda ta' Joseph Mifsud dan isemmi biss li Ciro del Negro kien semma lil certu Norman Bezzina li kien vicin il-Ministeru tal-attur in konnessjoni mal-istess kwistjoni tal-Isptar ta' San Raffaele, u ghalkemm l-istess xhud issemmi li kien ilu tmien snin u nofs jaf li kellu informazzjoni li dan Norman Bezzina kien *"imhawwad u anki kien involut fid-droga"* ma jidhirx li l-istess xhud ta xi dettalji dwar l-involviment ta' dan ta' l-ahhar fiz-zmien relattiv meta l-istess kien konsulent fil-Ministeru u dan ghall-perjodu bejn l-1989 u is-sena 1994 meta jidher li spiccat tali konsulenza, u ghal dak li jirreferi ghas-suggett in materja, senjatament il-parti tieghu bhala membru ta' delegazzjoni ministerjali barra minn Malta, fejn l-unika darba li din grat kienet proprju fid-29 ta' Marzu 1991 sal-10 ta' April 1991. Anzi jista' jinghad li dwar dan l-istess xhud ma gab lanqas l-ebda minimu ta' prova dwar l-istess allegazzjonijiet maghmula mill-konvenut fid-diskors tieghu in kwantu jirreferu ghall-istess delegazzjonijiet ministerjali tal-attur u

allegat dhul tal-istess droga minn tali membri, inkluz il-persuna li hawn qed tigi trattata.

Illi f'dan il-kuntest wiehed jirreferi ghax-xhieda skejta tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar, li filwaqt li turi kif il-gurnalist Joseph Mifsud anke kkolabora mieghu fil-kaz tal-ittra anonima li huwa rcieva dwar allegazzjonijiet ta' traffikar tad-droga, minn imkien mill-istess ittra mhux iffirmata u *statement* ta' Ciro del Negro ma jidher li l-istess persuna ssemmiet fil-kuntest ta' traffikar tad-droga, u meta wiehed jikkonsidra li tali ittra anonima ricevuta minn Joseph Mifsud ghaddiet ghand l-Assistent Kummissarju f'Gunju jew Lulju 1994, jista' jinghad b'certezza, kif *di piu`* qal l-istess Assistent Kummissarju Michael Cassar, li sa dak iz-zmien ma kien hemm xejn x'jorbot lill-istess Norman Bezzina ma' allegazzjonijiet ta' traffikar tad-droga, u wkoll li l-istess Joseph Mifsud, minkejja dak li xehed f'din il-kawza, ma kien jaf xejn konkret dwar l-istess, u wisq anqas ghadda xi haga f'dan is-sens lill-istess Assistent Kummissarju.

Illi jsegwi ghalhekk li tul il-perjodu kollu meta l-istess Norman Bezzina kien konsulent fil-Ministeru bejn l-1989 u l-1994, l-Pulizija ma kellha ebda nvestigazzjoni kontra tieghu dwar traffikar tad-droga, u wisq inqas li meta kien parti minn delegazzjoni Ministerjali fis-sena 1991, huwa dahhal xi droga mieghu. Dan u dan biss huwa relevanti ghall-libell odjern, u ghalhekk anke rigwardanti l-istess persuna ma hemm l-ebda prova f'dawn l-atti li turi li l-istess persuna abbuzat mill-pozizzjoni taghha bhala membru ta'

delegazzjoni ministerjali tal-attur fil-mawra taghhom barra minn Malta u lura lejn Malta, u dan jirreferixxi partikolarment ghall-unika mawra li tirrizulta minn dawn l-atti fis-sena 1991.

Illi lanqas jista' jinghad li l-fatt li llum l-istess persuna tinsab akkuzata dwar importazzjoni u/jew traffikar tad-droga dwar avvenimenti li allegatament sehhu fis-sena 2001, u li ghalihom hemm riferenza kwotata mix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar moghtija dejjem f'kawza ohra fil-21 ta' Ottubru 2001, ma jistghu jiggustifikaw id-difiza tal-konvenut, u dan peress li dan jirreferi ghall-perjodu wara li sar l-istess diskors tal-24 ta' Lulju 1996, u wara li l-istess Norman Bezzina ma kienx ghadu konsulent tal-istess attur bhala Ministru *stante* li jidher ammess li l-ingagg tieghu bhala tali spicca fis-sena 1994, u ovvjament hafna wara li l-istess persuna ffurmat parti minn delegazzjoni ministerjali fis-sena 1991, u ghalhekk f'dan il-kuntest id-difiza tal-konvenut ma tistax tirnexxi ghaliex bl-ebda mod ma pprova l-allegazzjonijiet tieghu fil-konfront tal-attur u in konnessjoni u fil-konfront tal-persuni kollha, li qatt iffurmaw parti mill-istess delegazzjonijiet tieghu f'dak il-perjodu, u dan ukoll b'riferenza ghall-istess Norman Bezzina wkoll.

Illi dwar fejn issemma certu Etienne Gatt, iben dak iz-zmien il-Ministru Lawrence Gatt, dawn ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-azzjoni attrici, *stante* li jirrizulta, u fil-fatt qatt ma kien allegat lanqas mill-konvenut, li din il-persuna qatt kienet tifforma parti minn delegazzjoni mal-attur fi zmien

relattiv u meta dan kien Ministru; in verita' ma jidhirx li dan kien qatt jifforma parti minn xi delegazzjoni Ministerjali, izda kien biss iben Ministru li talab jew intalab ghal ismu li jaghmel uzu mill-facilita' tal-V.I.P. *lounge* fl-ajruport, kif jidher mid-dokumenti esebiti bhala Dok. "AS2" u "AS3" u ghalkemm jidher li kien ikun anke il-Ministeru tal-attur, u jissemma minn Ciro del Negro, dan ma ghandu x'jaqsam xejn mal-mertu tal-libell odjern, u certament irrelevanti fil-kwistjoni ta' delegazzjonijiet ministerjali tal-attur u l-akkuzi vantati fl-istess diskors kontra l-istess attur.

Illi dan kollu qed jigi deciz fid-dawl ta' dak li inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Onor. Dr Joseph M Fenech vs Louis Cauchi et"** (A.C (JSP) 16 ta' Jannar 2002) fejn l-Ewwel Qorti giet ikkwotata meta kienet qed tikkummenta dwar meta persuna jaghmel asserzjoni ta' fatt determinat bhal fil-kaz odjern. Dik il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-kritika hi fondamentali f'socjeta' demokratika, pero' dejjem hemm il-limiti. Dawn il-limiti f'kazijiet bhal dan li jkunu ta' interess pubbliku generali, ghandhom ikunu wesghin kemm jista' jkun, b'mod partikolari meta hemm involuti persuni pubblici bhal ma huwa l-attur. F'dan ir-rigward il-Gately (op.cit.) jghid- In cases of comment on a matter of public interest the limits of comment are very wide indeed. This is especially so in the case of public men. Il-Gately jispecifika inoltre illi – Unless there is some clear evidence of malice or some mistatement of fact, no action should be commenced, however severe the terms of*

*the criticism may be. Ghar-rigward ta' x'jikkostitwixxi mistatement of fact l-istess Gately ighid- It is one thing to comment upon or criticise, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct";*

*"Il-Qrati taghna segwew dawn l-insenjamenti u jista' jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza ricenti d-dritt ta' l-espressjoni permezz ta' l-istampa ghandu jinghata nterpretazzjoni wiesgha, b'tali mod li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kritika harxa u azzardata tista' tigi wkoll permessa dejjem sakemm din tkun entro l-limiti ta' dak li hu ragonevoli. (Vide Appelli Civili, "**Fenech vs Callus et**" - 4 ta' Frar, 1994; "**Sant vs Camilleri et**" - 14 ta' Frar, 1994; u "**Mons A Gauci vs M. Schiavone et**" - 8 ta' Novembru, 1995).*

*Illi ghalhekk f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero' hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragjonevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjeta' in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika, … ...,ma jistghu qatt jigu accettati la fil-*

*kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici;"*

Illi dan kollu gie ribadit mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza "**Eddie Fenech Adami et vs. Joseph Vella et**" deciza fl-1 ta' Frar, 1998 meta gie ritenut:

*"Il-ligi taghna mhix njara tal-kuncett ta' nteress pubbliku u l-fatt li persuni f'karigi pubblici w importanti necessarjament huma esposti ghal kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verita' tal-fatti f'diversi kazijiet ta' personalitajiet pubblici. Pero' altru timputa fatt li temmen li hu veru u fil-fatt hu veru, u altru bl-aktar mod irresponsabbli dak li jigik f'mohhok tiktbu u tippubblikah minghajr ma jkun hemm imqar bazi ta' fondatezza f'dak li jigi asserit. Il-politika ta' "publish and be damned" qatt ma sabet sostenn fil-Qrati taghna … ...".*

Illi dan gie segwit *ad litteram* fis-sentenzi ricenti ta' din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza "**Onor Dr Alfred Sant vs Dione Borg et**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) u "**Onor Dr Alfred Sant vs Gordon Pisani et**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) fejn inghad:

*"Illi dan jinghad ghaliex l-istess generu ta' persuni ghandhom l-istess drittijiet ghall-prezervazzjoni ta' ntegrita` u l-fama taghhom daqs haddiehor, u f'certu sens malafama fil-konfront taghhom hija iktar serja, peress li l-operat taghhom huwa dejjem suggett ghall-iskrutinju tal-pubbliku, fuq liema appogg tiddependi l-pozizzjoni u l-ezistenza*

*taghhom, u ghalhekk tista' ssir iktar hsara lill-stess persuni hekk suggetti ghall-opinjoni pubblika".*

Illi t-test li jigi applikat dwar is-sinifikat tal-istess diskors fil-kuntest tal-kawza odjerna u f'kawzi simili huwa dak li gie applikat fis-sentenza **"Onor. Dr. Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et"** (A.C. (JSP) 16 ta' Jannar 2002) u cjoe' li l-ezami ghandu "*jkun wiehed oggettiv biex tara jekk dak li nkiteb u gie prezentat bhala fatt lill-qarrejja kienx wiehed jew le malafamanti fil-konfront tal-persuna li lejha l-addebbitu kien dirett".*

Illi dan ifisser li ghalkemm sar zvilupp fis-sistema legali taghna fis-sens li r-restrizzjonijiet li taghmel il-Ligi ta' l-Istampa **(Kap.248)** ghandhom jigu nterpretati fid-dawl ta' l-artikolu **41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, kif ukoll fl-isfond ta' l-**artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Tal-Bniedem** (kif interpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani), u kwindi dan wessa' d-dritt ta' l-espressjoni; madankollu l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita'. Dejjem tibqa' l-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' ta' l-espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jehtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta' demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta' li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, ma' l-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza ta' reputazzjoni, unur u l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta' demokratika ghandha kull dritt li tgawdi.

Illi dan ghandu jirrispondi wkoll ghat-tielet eccezzjoni tal-konvenut, *stante* li ma hemmx dubju li l-konvenut kellu u ghandu bhala Deputat tal-Poplu u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni biex jaghmel dak li huwa dover u dritt tieghu li jikkritika l-amministrazzjoni fuq materji ta' interess pubbliku. Fil-fatt din il-Ligi u l-gurisprudenza nostrali tirrikonoxxi dan id-dritt u xejn minn din il-gurisprudenza fuq kwotata u hawn applikata ma jmur kontra tali dritt, ghaliex il-Qorti hija tenuta li tibbaza d-decizjoni taghha fuq il-ligi vigenti, u tali ligi kif dejjem interpretata konsistentement mill-Qrati taghna, tapplika u tirrikonoxxi l-istess dritt vantat mill-konvenut, pero' dan dejjem fl-orbitu ta' tharis tad-dritt bazilari ta' kull persuna huwa min huwa, li jiddefendi l-unur u r-reputazzjoni tieghu, tant li jista' jinghad, li min-naha l-ohra, dan huwa dritt fundamentali ta' kull bniedem u l-ligi tirrikonoxxih bhala tali, specjalment meta jsiru allegazzjonijiet ta' fatti fuq persuna, li jistghu u fil-fatt ikissru l-unur u l-integrita' tal-istess persuna anke pubblika, u mill-ezami li jsir tali allegazzjonijiet ma jirrizultawx li huma pruvati jew li huma veritieri.

Illi dan huwa konfermat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja, anke fuq riferita fil-kawza "**Lingens vs Austria"** (1986) fejn inghad li:

*"In the Courts view, a careful distinction needs to be made between facts and value judgements. The existence of facts can be demonstrated, whilst the truth of value*

*judgements is not susceptible of proof The Court notes in this connection that the facts on which Mr Lingens founded his value judgements were undisputed, as was his good faith....".*

Illi dan gie kkonfermat fil-kawzi **"Obershlick vs Austria"** (1991) **u "Schwabe vs Austria"** (1992) u **"Castells vs Spain"** (1992) fejn gie indikat li l-limiti ta' kritika huma ikbar meta diretti lejn il-Gvern tal-gurnata anke iktar hafna minn dawk possibbli fil-kuntest ta' cittadin privat u anke fil-kaz ta' individwu fil-politika, pero' imkien fl-istess sentenzi, inkluzi f'dawk l-iktar ricenti ta' **"Bladet Tromso and Stensaas vs Norway**" (1999), "**Bergens Tiende and others vs Norway"** (2000) u **"Fuentes Bobo vs Spain"** (2000) ma jinghad li jistghu jigu attribwiti fatti mhux veri lill-persuna anke jekk din ghandha posizzjoni pubblika, u dak li jissejjah bhala *"value judgement"* ghandu wkoll jigi bbazat fuq fatti u mhux fuq invenzjonijiet, u dan in verita' u fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma jistax ikun mod iehor, ghaliex ma jistax ikun hemm *"value judgement"* jekk almenu dan ma jkunx ibbazat fuq il-verita' u l-fatt rejali, ghaliex altrimenti kif jista' jkun li tali "*gudizzju"* jkollu xi "valur"?

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut michuda.

## III. LIKWIDAZZJONI.

Illi ghall-fini tal-iffissar tad-danni l-Artikolu **28(1) tal-Kap 248** ihalli diskrezzjoni wiesgha, sa massimu ta' hames t'elef Lira Maltija (Lm5,000) *(vide* **"Ernest Tonna vs Felix Agius"** — Citazzjoni Numru 1755/97/RCP — 21 ta' April 1999) u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u l-gravita` tieghu kif premess il-Qorti tiffissa d-danni fl-ammont ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) u dan anke fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti, diversi minnhom fuq citati.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-diskors pubbliku surreferit huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) bhala danni b'applikazzjoni ta' **l-artikolu 28 ta' Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**23 ta' Mejju 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**23 ta' Mejju 2002.**